MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Numru. 47/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Antonio Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Antonio Farrugia, ta' sitta u sebghin (76) sena, bin Giuseppe u Giuseppa neé Psaila, imwieled fil-21 ta' Novembru 1934 u residenti fil-fond numru 124, Triq Sant'Orsla, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru

70134(G) li gie akkuzat talli nhar l-24 ta’ April 2011 ghal habta ta’ 10.30hrs fi Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex;

1. Seraq berita ghad-detriment ta’ John George Pargeter, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, ir-reat li qed jigi akkuzat bih l-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt li l-berita misruqa giet ritornata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(g) u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------